QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

Appell Nru. 50/2002

Il-Pulizija
(Spettur L. Agius)

Vs

Alfred Camilleri

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghal perjodu ta' gimghat li ghalqu f'24 u l-31 ta' Lulju 2001 u s-7, l-14 u l-21 t'Awissu 2001 naqas milli jissoministra l-manteniment li ordnat li jhallas mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet numru 6/99 u li permezz tieghu gie ordnat ihallas is-somma ta' sbatax il-lira Maltin (LM17) lil Rita Camilleri u ghaxar liri Maltin (LM10) ghall-minuri Charles u Shaun pagabbli kull gimgha bhala manteniment.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali sabitu hati tal-akkuza kontra tieghu. Ma kkundannatux ghal piena karcerarja izda lliberatu taht provediment tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur. Rat l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatlu li jhallas is-somma ta' LM 135 fi zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Marzu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni, jew sussidjarjament, tnaqqas il-piena moghtija u/jew tilliberah mill-kundanna ta' hlas.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :- Illi hu kellu jieqaf mix-xoghol minhabba ragunijiet gravi li ma kellux kontroll fuqhom u kien taht kura medika u b'dana kollu xorta wahda l-ewwel Qorti sabet li kellu mezzi finanzjarji biex ihallas il-manteniment ordnat mis-Sekond' Awla ; Illi f' kull kaz uliedu li suppost ihallas il-manteniment ghalihom huma fdati lilu u ghandu jaghmel tajjeb ghall-bzonnijiet ta'kulljum taghhom u li l-appellant kien fl-impossibilita' li jottempera ruhu mas-digriet minnhabba cirkostanzi estraneji ghalih u ghalhekk ghandha tapplika ghalih il-massima legali “ad impossibilia nemo tenetur“. Illi sussidjarjament , mill-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qrati , jirrizulta li l-piena dejjem giet ittemperata.

Semghet ix-xhieda mill-gdid , kif ukoll it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u l-abbli difensura tal-appellant;

Rat illi l-appellant naqas li jipprezenta prospett li juri l-kapital kollu li ghandu l-bank u d-dar , ingenji u proprjeta' ohra immobbli , kif ordnat li jaghmel waqt is-seduta tal-11 t' April, 2002 u esebixxa biss prospett lakoniku fid-9 ta' Mejju, 2002 u naqas ukoll li jipprezenta entro t-terminu utili ta' gimghatejn lilu moghti fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2002 , prospett konfermat bil-gurament minnu, li jkun juri id-depoziti bankarji kollha intestati f' isem l-appellant , kemm lokali kif ukoll esteri , kif ukoll investimenti,

bonds u azzjonijiet f'kumpaniji .Invece hu pprezenta tardivament fit-23 t' Awwissu, 2002 biss prospett LI MHUX MAHLUF.

Ikkunsidrat ;

Illi l-appellant kien gie ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, b'Digriet numru 8/1999 (u mhux 6/1999 - kif gie erronjament indikat fil-komparixxi u fl-atti kollha processwali s'issa inkluza fis-sentenza appellata u fir-rikors tal-appell) tat-12 ta' Jannar, 1999 , sabiex ihallas manteniment ta' LM17 kull gimgha lill-martu Rita Camilleri ghaliha u LM10 fil-gimgha ghall-uliedu minuri : Charles u Sean ahwa Camilleri , liema tfal pero' kellhom jibqghu fil-kura u kustodja tal-appellant salv id-dritt tal-access favur l-omm bejn il-gimgha fis-7 p.m. u l-Hadd ta' wara f'nofsinhar . Ovvjament il-hlas ta' LM10 ordnat mill-Qorti ghall-minuri hu mahsub biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-omm fil-jumejn meta jkollha t-tfal minuri maghha fil-"weekend" .

Meta xehdet quddiem din il-Qorti , mart l-appellant Rita Camilleri qalet li l-appellant kien ilu ma jhallasha manteniment mis-17 ta' Lulju, 2001. Xehdet li ma tafx hux qed jahdem bhala tile layer, ghalkemm kull filghodu johrog bil-van u jghid li jmur jghin lit-tifel fix-xoghol tal-gebel , pero' bejn il-Milied u l-ewwel tas-Sena kien ghamel xi xoghol manwali jghin lil kuntrattur li kien qabbad biex jaghmillu xi xoghol fil-garage tieghu .

L-appellant xehed li ma ma waqafx mix-xoghol mill-lum ghall-ghada ghax , wara li martu kienet telqet mid-dar, hu kellu jiehu hsieb it-tfal u ma setax jahdem daqs kemm kien jahdem qabel , meta kien jaqlaghha tajjeb u beda jahdem in-nofs meta beda jiehu hsieb it-tfal. It-tieni hu lit-tfal ihallsilhom l-iskola u l-uniformijiet . Barra minn hekk il-flus kollha marbutin ghax martu kienet issekwestrathom. Umbaghad bdiet tugghu siequ u kellu jieqaf jahdem mis-sena li ghaddiet u minn dak in-nhar 'l hawn lil martu ma kienx taha flus. Hu kien tile layer tal-art u tal-kmamar tal-banju u kellu problemi fl-ghadam ta' rkubbtejh.

Illi quddiem l-ewwel Qorti kienu gew esebiti certifikat ta' Dr. Mohnani li jghid li l-appellant kellu jattendi fl-Isptar San Luqa fl-24 ta' Lulju, 2001 biex jigi ezaminat minn Mr. Grixti ghall-operazzjoni li kellha ssir fil-25 ta' Lulju, 2001 kif ukoll certifikat rilaxxjat minn Dr. Godfrey Farrugia , fit-2 t'Ottubru, 2001 ,li jghid li l-appellant kien gie operat fl-1 ta' Lulju, (Sic!) 2001 ghall-Right menisectomy u li ma kienx fi stat li jirresumi ix-xoghol normali tieghu ta' "tile layer" . Gew ukoll esebiti Certifikati Medici tat-Talba ghal Beneficcju tal-Mard tal-appellant li jkopru il-periodu bejn l-20 ta' Lulju, 2001 - li hu l-ahhar jum li hadem sat-3 ta' Settembru, 2001 b'dana li id-data meta jkun jista' jerga' jirriprendi ix-xoghol thalliet "open".

Illi l-periodi settimanali li fihom l-appellant hu akkuzat li naqas li jissomministra alimenti lill-martu kif ordnat mis-Sekond' Awla , jirriferu ghal dawk li jibdew fl-24 u 31 ta' Lulju, u 7,14 u 21 t' Awwissu, 2001, periodi koperti b'dawn ic-certifikati.

Illi dato u koncesso li l-appellant veru kellu jissottometti ruhu ghall-intervent kirurgiku biex inehhulu il-meniscus minn irkobbtu tas-sieq tal-lemin fil-25 ta' Lulju, 2001 , u li per konsegwenza ta' dan l-intervent hu kellu jaghmel xi gimghat ma jahdimx ta' "tile layer", fil-periodu imsemmi fic-citazzjoni, din il-Qorti difficilment pero' tista' taccetta li persuna li tkun okkupata f' sengha ferm lukrattiva bhal ma hija dik tat-tqieghid tal-madum , appena taghmel ftit gimghat ma tahdimx, tispicca bla flus u tigi fixxa. Mhux probabbli li l-appellant kien jghix "from hand to mouth" u li dak li jaqla llum jieklu l-ghada , ghax hu risaput li din is-sengha hija hafna "in demand" u li min hu okkupat fiha jithallas tajjeb u dejjem allura ser ikollu ftit tal-flus fuq ir-rih biex jaghmel tajjeb "for the rainy day" li tigi fuqu . Tajjeb li jigi osservat li l-gimghat li fihom l-appellant qed jigi akkuzat li ma hallasx manteniment kienu dawk immedjetament wara li hu waqaf jahdem biex jaghmel l-operazzjoni . Ovvjament kienet din il-konsiderazzjoni li ukoll wasslet ghall biex l-ewwel Qorti bhala apprezzament ta' fatt hasset li kellha tiddikjara fis-sentenza appellata li l-appellant odjern kellu mezzi finanzjarji biex ihallas il-mantenimernt dovut . Din il-Qorti hija tal-istess fehma u ma thoss li ghandha tiddisturba il-gudizzju tal-ewwel Qorti fuq kwistjoni

ta'apprezzament ta' fatt .

Illi apparti din il-konsiderazzjoni ta' fatt , kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; 15.7.1998 ) il-fatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta' manteniment , din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija , fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza , tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan . Altrimenti,din il-Qorti , minn flok Qorti ta' Appell Kriminali , tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha .

Illi umbaghad apparti li din il-Qorti mhux sodisfatta li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond id-Digriet tas-Sekond' Awla fil-periodu in kwistjoni , kif isostni ANTOLISEI fil-"Manuale di Diritto Penale" {Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989 , p.376.} , l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani hi li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza .(App. Krim. Pul. vs. Kang Se Il , 28.7.94 per V. De Gaetano J.) .

Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta' natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta'kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta' reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament . Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f ' certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena , fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda , jew addirittura, kif sar f' dan il-kaz , gie applikat l-art. 9 u 11 tal-Kap.152 , b' mod li l-appellant gie liberat taht provvediment li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur u ordnat ihallas il-manteniment minnu dovut fl-ammont ta' LM135 ghall-hames gimghat imsemmija fil-komparixxi .

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda id-dikjarazzjoni ta' htija l-appell hu infondat u qed jigi respint.

Illi umbaghad ghar-rigward tal-piena, fil-fatt l-ewwel Qorti , f'dan il-kaz , ma applikat ebda piena "ut sic" izda illiberat taht l-art. 9 tal-Kap.152 u umbaghad irrikkoriet ghall-provvediment tal-art. 11 biex ordnat il-hlas ta' dak li rrizulta dovut civilment u mhux bhala piena pekunjarja. Ghalhekk anki ghar-rigward tal-piena , din il-Qorti ma tarax li ghandha tapplika xi temperament jew tvarja is-sentenza appellata ghax din kull ma ghamlet hu li ordnat li jsir il-hlas diga' ordnat mis-Sekond' Awla entro x-xahar imsemmi fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata , b'dana li iz-zmien ta' xahar ghall-hlas tas-somma ta' LM135 jibda' jiddekorri mill-lum.

(ft) J.G. Galea Debono
18.9.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur